**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 345/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Faisal Arab Mohammed**

Illum, 29 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Faisal Ahmed Mohammed, detentur tal-karta tan-numru REFCOM 25268, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-2 ta' Mejju 2023, bejn is-06:45hrs u it-08:00hrs, ġewwa Rocky Beach, Triq il-Wilġa, San Ġiljan, Malta:

1. Ikkommetta serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), a dannu ta' Giovanni Scaffidi;
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Giovanni Scaffidi f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr. Tochukwu Madu, Med. Reg. No. 6520, ġewwa l-Floriana Health Centre;
3. Talli bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Giovanni Scaffidi kontra l-volontà tiegħu, ġie offiż fuq persuntu, u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu;

4. Talli għamel reat ieħor waqt li kien qiegħed taħt perijodu operattiv ta' sentenza sospiża li ngħatat lilu nhar l-10 ta' Marzu 2023, mill-Maġistrat Ian Farrugia LL.D.;
5. Talli sar reċidiv.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti, ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u lliberatu minnha, u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 20, 49, 50, 214, 215, 221(1), 261(a)(ċ), 262(1)(a)(b)(2), 267, 274(ċ), 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva. *Inoltre*, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ordnat li t-terminu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija impost fuqu bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Faisal Arab Mohammed" tal-10 ta' Marzu 2023, jibda' jseħħ u għaldaqstant l-imputat għandu jiskonta wkoll tali terminu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva. Finalment, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas is-somma ta' €1,662.4331, rappreżentanti spejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco.

Rat ir-rikors tal-appellant Faisal Arab Mohammed, ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tbiddel u tvarja s-sentenza appellata billi tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u piena konsegwenzjali, u sussidjarjament, u bla preġudizzjoni għall-ewwel talba, jekk tinstab il-ħtija, tiġi lilu akkordota piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 23 ta' Jannar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju ventilat minnu, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett tal-provi prodotti quddiemha, u dan għaliex fil-fehma tiegħu, it-testimonjanza tal-parti offiża, Scaffidi, ma kenitx waħda attendibbli, kif ukoll għaliex ma ħaditx in konsiderazzjoni il-fatt illi ma sarx analizi forensiku fuq il-ġakketta tiegħu abbinat mal-fatt illi r-*res furtiva* konsistenti fi flus, dokumenti jew *mobile* tal-vittma ma ġewx misjuba la fuq il-persuna tiegħu u lanqas fir-residenza tiegħu.

Illi, fid-dawl ta' dan l-aggravju, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanza tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

Illi, dan il-każ ra t-twelid tiegħu meta nhar it-2 ta' Mejju 2023, Giovanni Scaffidi irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan li kien għadu kemm ġie derubat minn tlett persuni ta' karnaġġjoni skura filwaqt li kien qiegħed ġewwa *Rocky Beach,* f'San Ġiljan. Huwa irrapporta illi:–

> ***"earlier today at around 06:50hrs after spending all night in Paceville and after his friend left to Bugibba, he went to Dolce Sicilia for coffee and since the cafeteria was closed, PFR proceeded to Rocky Beach to smoke a cigarette. While he was smoking a cigarette at Rocky Beach, all of a sudden he was punched from behind and suddently got attacked by three dark skinned male persons who kept him against his will and robbed all his belongings ... PFR also stated that the three agressors used force against him and while holding him from his mouth and throat he suffered injuries. As stated by Scaffidi stones were also thrown at him by the aggressors. Scaffidi completed that when he was robbed, the three aggressors fled from site and ran direction to Portomaso***

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

***Marina via the rocks of Rocky Beach and got out from Portomaso Marina through Portomaso Marina steps direction to Spinola Gardens. Scaffidi followed aggressors to Portomaso steps and lost them after aggressors proceeded to Spinola Gardens. Scaffidi presented to the Police a jacket coloured black, yellow and red with a 'Chesterfield Racing' emblem who he claimed that he took it from one of the aggressors while following them and after attempting to grab and hold one of them, this did not happen. Same also stated that if he sees the aggressors, he's sure he will recognise them"***.

Illi, in segwitu għal dan ir-rapport, skattaw l-investigazzjonijiet tal-pulizija li elevaw diversi kameras tas-sigurta' (CCTV) mill-viċinanzi ta' *Rocky Beach*. L-Ispettur Zachary Zammit xehed li minn dawn il-filmati jidhru tlett individwi jaħarbu kif ukoll il-vittma tiġri warajhom. Minn dawn l-istess filmati, il-malviventi, inkluż l-appellant, ġew identifikati mill-Pulizija u sussegwentement l-appellant ġie arrestat filwaqt li t-tnejn l-oħrajn baqgħu ma nstabux. Nhar is-6 ta' Mejju 2023, l-appellant irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija fejn stqarr li dakinhar tal-inċident "***... I was alone to the coast and there were two other people, a white guy and another Somalyan because I talked to him in Somalyan. They were smoking drugs, and they told me leave them alone so I left***". Ikompli jgħid li ftit minuti wara sema' għajjat u ġlied u ġera' ħdejh is-Somalu li kien tkellem miegħu qabel u qallu "***We fight the other guy***". Jgħid li huwa ħarab ukoll u, flimkien ma' dan s-Somalu, kienu qabdu taxi għall-Marsa. Jinnega li kien involut fis-serqa u l-aggressjoni ta' Scaffidi. Sussegwentement kienet saret ukoll tfittxija fil-post fejn kien joqgħod l-appellant, fejn skond ix-xhieda ta' PS 430 Andrew St John u PC 1523 Martin Micallef, l-istess appellant kien tahom hu stess il-ħwejjeġ li allegatament kien liebes dakinhar tal-inċident, liema ħwejjeġ qablu ma dawk li kien jidher libes fuq il-filmati tal-kameras tas-sigurta' elevati.

Illi, il-vittma Giovanni Scaffidi xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn reġa tenna dak li kien stqarr mal-Pulizija. Jgħid li:

> "**daruni tlieta minn nies, kienu qegħdin jippruvaw jisirquni u refgħu idejhom fuqi ukoll**".

Jispjega li:

> "**...qabduni minn ħalqi, bdew jagħtuni daqqiet ta' ponn u daqqiet bil-ġebel u ppruvaw jeħduli l-flus mill-bwiet**".

Scaffidi mbagħad indika lill-appellant bħala wieħed mill-malviventi u kkonferma li dan ukoll kien refa' jdejh fuqu u li kien ħadlu dokumenti, €1000 u telefon ċellulari. Jispjega li wara dan kollu l-malviventi ħarbu minn fuq il-post u hu ġera' warajhom iżda ma irnexxielux jaqbadhom. Għalhekk erħilha lejn l-Għassa tal-Pulizija sabiex jirrapporta dan is-sinistru. Illi, miċ-ċertifikat mediku datat 2 ta' Mejju 2023, eżebit in atti, jirriżulta li l-vittma fil-fatt sofra ġrieħi ħfief kawża ta' dan l-inċident hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr Tochukwu Madu.

Illi, sussegwentement l-imputat għazel li jixhed quddiem l-Ewwel Qorti fejn reġa' innega li kellu involviment f'dan il-kaz. Jisħaq li dakinhar tal-inċident huwa kien ħdejn il-baħar u ra xi persuni ta' karnaġġjon skura li kellhom argument bejniethom. Jgħid li għalhekk iddeċieda jitlaq minn fuq il-post, iżda dawn in-nies baqgħu jiġru warajh: –

> "**...kif tlaqt, wieħed minn dawn ta kulur iswed avviċina lili u kellimni u qalli wieħed minn dawk ħa nsemmi, qalli inti fejn toqgħod? Jiena kelli nirrispondi lilu jien resident f'Birkirkara. Dak l-iswed li avviċina x-xhud qallu int għandek flus, jekk m'għandekx flus aħna lesti nwasluk fejn joħduk. Pero' hawnhekk dawn kellhom xi karozza, dħalt ġol karozza magħhom u wassluni l-Marsa**".

Meta ġie kkonfrontat mill-Prosekuzzjoni bl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Pulizija, l-appellant semma ukoll li ma' dawn in-nies ta' karnaġġjon skura kien hemm ukoll bniedem ta' karnaġġjon bajda.

Illi, fir-rigward l-addebitu tar-reċediva, xehdet Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, li ppreżentat sentenza fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Arab Mohammed Faisal"* datata 11 ta' Marzu 2021 u kkonfermat li ma kien hemm ebda appell minn tali sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi, abbażi ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant meta straħet fuq il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-allegata vittma li kkonferma li l-appellant kien wieħed mill-aggressuri tiegħu, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant u ċioe' li

huwa inzerta dak il-ħin fuq il-post, iżda li ma kellux involviment f'din is-serqa. L-Ewwel Qorti qieset illi l-appellant ma kienx konsistenti fil-verżjonijiet minnu mogħtija dwar dan l-inċident u elenkat minnizzjożament fejn kien hemm id-diskrepanzi bejn l-istqarrija li kien irrilaxxja u d-deposizzjoni tiegħu fil-Qorti, kemm in eżami kif ukoll in kontro-eżami. Abbinat ma' dan l-Ewwel Qorti qieset illi l-provi indizzjarji b'mod ewlieni Dokument 'ZZ13', li kien analiżżat mill-espert John Sacco, ma jagħtix konfort lill-ebda waħda mill-verżonijiet ta'l-appellant. Minn dawn il-filmati jidher l-appellant qed jaħrab jiġri, biż-żewġ kompliċi tiegħu jiġru warajh it-tlieta li huma jħarsu lura lejn id-direzzjoni minn fejn kien ġej jiġri warajhom il-parti offiża. Qieset il-fatt ukoll kif fil-filmat l-appellant jidher qed iżomm xi oġġett fil-but waqt li kien qed jiġri li, fil-fehma tagħha, ma setax kien il-wallet u iċ-ċellulari tiegħu, kif jikkontendi l-appellant fix-xiehda tiegħu, billi mill-filmat jidher li kien liebes baskett u allura seta' faċilment ipoġġi l-oġġetti personali tiegħu f'dan il-baskett.

Illi l-appellant, iżda, ħassu aggravat b'dan l-apprezzament għaliex iqies illi mhuwiex minnu li l-verżjoni tal-fatti tiegħu ma kenitx waħda konsistenti u għalkemm l-Ewwel Qorti irriskontrat xebħ bejn il-ħwejjeġ tiegħu u dawk li hu kien jidher liebes fil-filmat, madanakollu dawn huma tal-għamla komuni u jistgħu jintlibsu minn kwalunkwe persuna, bil-filmat li juri dak li seħħ jista' jkun interpretat ukoll favur dak li huwa kien qed isostni.

Illi, għalkemm  huwa minnu li l-ġakketta li l-vittma għadda lill-Pulizija li kienet ta' wieħed mill-malviventi, qatt ma ġiet analiżżata forensikament, u għalkemm huwa minnu ukoll li l-oġġetti misruqa ma nstabux fil-pussess tal-appellant, madankollu l-verzjoni tal-fatti mogħtija minn Scaffidi, kif sewwa tikkonkludi l-Ewwel Qorti, kienet konsistenti mill-bidu sa' l-aħħar anke fil-kronoloġija tal-akkadut, kif ippreżentat minnu, li hija ikkorroborata mill-filmati tal-kameras tas-sigurta' eżebiti in atti u analiżżati mill-espert Sacco. Din l-Qorti tqis li kien propju l-appellant li ma kienx kredibbli u dana għaliex biddel il-verzjoni tal-fatti tiegħu diversi drabi. Mal-Pulizija stqarr li kien osserva persuna ta' karnaġġjon bajda u persuna ta' karnaġġjon skura fuq il-bajja li kellhom id-droga u li kienu qalulu sabiex jitlaq minn ħdejhom. Dan il-fatt qatt ma jissemma minnu fid-deposizzjoni li jagħti fil-Qorti. Fix-xiehda tiegħu isemmi

biss tlett persuni ta' karnaġġjon skura, li sussegwentement jgħid li ġġieldu. *In oltre*, fl-istqarrija tiegħu, l-appellant stqarr li kien diġa' telaq minn fuq il-post meta l-persuna ta' karnaġġjon skura laħħqet miegħu, meta qallu li kien iġġieled mal-persuna ta' karnaġġjon bajda u li wara dan huma kienu qabdu taxi flimkien għal Marsa. Dan, għal darb'oħra, ma huwiex konsistenti ma' dak li xehed quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li tlett persuni ta' karnaġġjon skur bdew jiġru warajh, mbagħad meta laħħquh donnu skattat ħbiberija bejniethom fejn wieħed minnhom staqsieh fejn joqgħod, hu qalilhom li kien joqgħod Birkirkara u offrew li jwassluh, u fil-fatt huwa aċċetta u wasluh il-Marsa. Kronoloġija tal-fatti li lanqas biss tagħmel sens, fil-fehma ta' dina l-Qorti, aħseb u ara kemm tista' titqies bħala waħda kredibbli. Jiġi ppuntwalizat ukoll il-fatt li l-appellant semma' li kien hemm ukoll persuna ta' karnaġġjon bajda waqt it-testimonjanza tiegħu fil-mument meta ġie rinfaċċjat bl-istqarrija minnu mogħtija in kontro-eżami, probabbilment għaliex irrealiżża li kien inqabad fil-gideb tiegħu stess. Għal dawn il-motivi appena premessi, din l-Qorti hija tal-fehma, bħall-Ewwel Qorti qabilha, li l-verzjoni tal-fatti l-aktar kredibbli kienet dik tal-vittma u mhux tal-appellant u għalhekk ma tqisx li l-ewwel aggravju tal-istess appellant jistħoqqlu akkoljiment u qed ikun għalhekk miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-talba aħħarija tiegħu, l-appellant jitlob ukoll varjazzjoni fil-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti, madanakollu ma jressaq ebda aggravju fir-rigward sabiex b'hekk l-Qorti hija sajma mill-mottiv li wasslitu jitlob varjazzjoni fil-piena. Issa din il-Qorti mhijiex mistennija toqgħod tfittex hi mill-atti jekk hemmx xi raġuni li waslet lill-appellant biex iħossu aggravat bil-piena inflitta fuqu.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm il-darba ma jkunx jirriżulta li

l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Illi, dina l-Qorti tinnota li l-piena nflitta fuq l-appellant hija waħda fil-parametri tal-Liġi. *In oltre*, tali piena tirrispekja in-natura ta' l-akkużi li dwarhom l-appellant instab ħati, kif ukoll il-fatt illi kkometta r-reati lilu addebitati fil-presenti istanza waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, oltre kundanna oħra preċedenti. Magħdud dan kollu, għalhekk din l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni li tista' twassalha tiskossa id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kwalita' u l-kwantita' tal-piena minnha erogata fil-konfront tal-appellant.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.